MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 106/2008

**C.E.B. Metals Limited (C39556)**

**-vs-**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965), Alu-Finish Limited (C25894), u Aluminium Extrusions Limited (C7322) għal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fl-4 ta' Frar 2008 fejn ġie premess:

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti topera fin-negozju ta' *aluminium profiles* u fis-sena 2006 daħlet f'negozju mal-kumpanija Alu-Finish Limited (Dok. CEB1) sabiex s-soċjeta' rikorrenti tforni *aluminium* lill-istess kumpanija sabiex taħdmu u tikkonvertih f'*aluminium billets* u *profiles* ġewwa fabbrika ġestita minn soċjeta' oħra, is-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited.

2. Illi jirriżulta li s-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited kienet soġġetta għal *eviction order* maħruġa mis-soċjeta' Malta Industrial Parks Limited u li a tenur tal-liġi jirriżulta li hi qabdet ukoll kull merkanzija li kien hemm ġol-fond fejn ġie esegwit l-*eviction order*.

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet laħqet forniet madwar 40 tunnellata *aluminium* lis-soċjeta' Alu-Finish Limited li min-naħa tagħha bdiet taħdem din il-merkanzija u li lkoll kienet qiegħda tinżamm fil-fabbrika tas-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited li kienet soġġetta għall-*eviction order*, u din il-merkanzija fornita mis-soċjeta' rikorrenti nqabdet ukoll ma' l-ordni msemmija. Jirriżulta ad insaputa tas-soċjeta' rikorrenti li sa ma kien skada t-terminu mogħti bil-liġi lil Aluminium Extrusions Limited sabiex toħroġ l-affarijiet tagħha, din il-merkanzija tħalliet ġewwa.

4. Illi minkejja li saru xi diskussjonijiet u s-soċjeta' Malta Industrial Parks Limited tirrikonoxxi li l-merkanzija hija fil-fatt tas-soċjeta' rikorrenti, sal-lum il-Malta Industrial Parks Limited ma awtoriżżatx ir-rilaxx tal-merkanzija msemmija, li parti minnha hija maħduma u parti minnha għadha fi stat mhux manifatturat *(raw)*, u *di piu* reċentement sostniet li l-merkanzija taħt privileġġ lilhom mogħti bil-liġi a tenur tal-artikolu 2009 (e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fil-fatt wara l-egħluq tal-fabbrika, rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti żaru 1-fabbrika, fejn fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-kumpanija Malta Industrial Parks Limited (Ernest Mallia u l-Avukat John Bonello) indikaw il-materjal li

kien tagħhom. Kienu wkoll għaddew kopja ta' lista redatta tal-istess materjal liċ-Chief Executive Officer Simon Vella fil-preżenza tal-Avukat Katrina Borg Cardona (Dok. CEB2).

6. Illi s-soċjetajiet Aluminium Extrusions Limited u Alu-Finish Limited mhux biss jirrikonoxxu li l-merkanzija hija fil-fatt proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti iżda fit-tentattivi preċedenti għar-rilaxx tal-istess merkanzija anki taw il-kunsens tagħhom wara li ddikjaraw li ma kienx hemm pendenzi a favur tagħhom mis-soċjeta' rikorrenti (Dok. CEB3).

7. Illi riżultat tat-trapass ta' dan iż-żmien, immatura t-terminu li fih kellhom jiġu esportati żewġ ordnijiet oħra ta' *aluminium billets*, waħda lejn Franza u oħra lejn l-Ingilterra. Dan ix-xogħol huwa ġja' maħdum u jinsab maqbud fil-fabbrika bħala parti miċ-ċirka erbgħin tunnellata fuq imsemmija.

8. Illi kumpaniji esteri qiegħdin jippressaw lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tesplika l-inkariku lilha mogħti u qiegħda tinżamm responsabbli għal danni sostanzjali.

9. Illi jekk ma tintbagħatx din il-merkanzija, apparti d-danni, tintilef il-kredibilita' tas-soċjeta' rikorrenti ma' l-istess u jintilfu numru ta' possibbiltajiet ta' xogħol magħhom.

10. Illi din il-merkanzija qiegħda tinżamm mis-soċjeta' intimata inġustament u dan jikkostitwixxi mhux biss dannu a detriment tas-soċjeta' rikorrenti iżda wkoll arrikkiment inġust a spejjeż tagħha.

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-merkanzija maqbuda konsistenti f'erbgħin tunnellata *aluminium profiles*, *billets* u *scrap* hija proprjeta' tas-soċjeta' C.E.B. Metals Limited.

2. Tordna lis-soċjeta' Malta Industrial Parks Limited tirrilaxxa immedjatament il-merkanzija a favur l-istess soċjeta' C.E.B. Metals Limited fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Limited ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2008 fejn ġie eċċepit:

Illi preliminarjament, in-nullita tar-rikors ġuramentat in kwantu dirett kontra s-soċjeta' esponenti *stante* li dan ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju skond il-provvedimenti tal-Art. 460 tal-Kap. 12;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-irritwalita' tal-proċedura addottata mis-soċjeta' attriċi *stante* li ħafna mill-mobbli mertu ta' din il-kawża huma maqbudin taħt l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti in virtu' ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru: 1825/2007 fl-ismijiet **"Malta Industrial Parks Limited vs Aluminium Extrusions Limited"** u ma saret l-ebda talba għar-revoka tal-eżekuzzjoni ta' tali mandat;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-mobbli mertu ta' dina l-kawża huma soġġetti għal privileġġ legali speċjali spettanti lis-soċjeta' esponenti *ai termini* tal-Art. 2009(e) tal-Kap, 16 u dan kif se jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' dina l-kawża;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi s-soċjeta' attriċi trid tipprova t-titolu tagħha fuq l-oġġetti mertu ta' dina l-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat illi s-soċjetajiet oħra konvenuti ma ppreżentawx risposta;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħha ġiet respinta l-ewwel eċċezzjoni msemmija;

Rat l-affidavits u semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukat tas-soċjeta' attriċi tratta l-kawża ulterjorment;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-atti is-soċjeta' attriċi qed titlob ir-rilaxx ta' merkanzija li qed issostni li hija tagħha u li kienet f'immobbli okkupati mis-soċjetajiet Alu-Finish u Aluminium Extrusions, u li minnhom ġew żgumbrati mis-soċjeta' Malta Industrial Parks.

Illi kienet biss is-soċjeta' Malta Industrial Parks illi kkontestat il-kawża għaliex is-soċjetajiet l-oħra la ppreżentaw risposta u lanqas dehru għas-seduti.

Illi fil-fehma tal-Qorti qabel xejn huwa importanti li tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni minħabba li jekk fondata, ma jkunx hemm lok ta' aktar deliberazzjoni. Din l-eċċezzjoni hija fis-sens li sabiex din il-kawża tirnexxi kellha ssir talba għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 1825/2007 minħabba li l-oġġetti in kwistjoni ġew maqbuda permezz ta' dan il-mandat u allura huma taħt l-awtorita' tal-Qorti. Saret il-prova li fil-fatt ta' dan a fol 114 *et sequitur*, bil-produzzjoni tad-Dokument ES1.

Illi l-ġurisprudenza tagħna tagħti raġun lill-eċċipjenti. Fil-kawża fl-ismijiet **"Alf. Mizzi and Sons Limited vs Joseph Pace"** deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju 2005, il-Qorti qalet illi:

*"Jekk kif qed jiġi allegat, ġew elevati oġġetti li ma jappartjenux lid-debitur, dan ma jwassalx għan-nullita' jew għat-tħassir tal-mandat, iżda semmai għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandati in kwantu ġew elevati l-oġġetti in kwistjoni. L-interesss ġuridiku biex tiġi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt f'każ li jiġi allegat li oġġetti elevati mhumiex tad-debitur iżda ta' terzi, il-ġurisprudenza trid illi:*

1. *Il-kawża ssir mit-terz li qed jallega li l-oġġetti elevati huma tiegħu;*

2. *Il-kawża ssir kontra l-kreditur u d-debitur; u*

3. *Il-kawża ssir għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in kwantu ġew elevati l-oġġetti tat-terzi."*

Illi din is-sentenza tagħmel referenza għal sentenzi oħra: **"Formosa vs Gauci"** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Mejju 1979), **"Spiteri vs Perry"** (deċiża mill-Prim' Awla fl-14 ta' Novembru 1994) u **"Tolio vs Komarzynic"** (deċiża wkoll mill-Prim' Awla fit-28 ta' Mejju 1999); u l-kontenut tagħha huwa riprodott fis-sentenza fl-ismijiet **"Josephine Cutajar et vs Arva Insurance Agency Limited"** mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2004.

Illi f'din il-kawża, filwaqt li l-ewwel żewġ rekwiżiti huma sodisfatti, ma ntalbitx ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat u għalhekk il-Qorti ma tistax tipproċedi biex teżamina t-talbiet attriċi.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' Malta Industrial Parks Limited u tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż, ħlief għal dawk ġja' deċiżi mis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2009, ikunu a kariku tas-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------